# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-2 ta' Novembru, 2017.**

**Rikors Numru 1083/2016 SM**

**Joseph Mamo (I.D. 274836 M)**

**vs.**

**Nutar Rachelle Farrugia Buhagiar (I.D. 134472 M), Joseph Buhagiar (I.D. 184770 M), Herman Farrugia (I.D. 369649 M), u Rose Farrugia (I.D. 786348 M)**

Il-Qorti,

1.0. Illi din hi sentenza preliminari naxxenti mill-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati Herman u Rose Farrugia datata d-29 ta' Dicembru, 2016, (ara foll 37), u mill-intimat

Joseph Buhagiar datata t-30 ta’ Dicembru, 2016, (ara foll 83), li permezz taghha sintetikament eccepew is-segwenti;

1.1. Illi l-imhallef sedenti ghandu jigi rikuzat;

1.2. Illi din ir-rikuza hi bbazata fuq l-artiklu 734(1) (d) (i) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1.3. Illi din l-eccezzjoni qed tigi ribadita ghaliex l-imhallef *de quo* gia` iddecieda l-kawza fl-ismijiet ***Joseph Mamo vs. Nutar Rachelle Farrugia Buhagiar*** datata t-***28 ta’ Jannar, 2016***;

2. Rat ukoll ir-risposta guramentata tal-intimati Herman Farrugia u Rose Farrugia datata d-29 ta’ Dicembru, 2016, (ara foll 37), li permezz taghha issottomettew ukoll l-istess eccezzjoni preliminari indikata fil-paragrafu precedenti;

3. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimat Nutar Rachel Farrugia Buhagiar datat il-31 ta’ Jannar, 2017, (ara foll 90), li permezz tieghu ddikjarat li kienet qeghda taqbel mal-istess eccezzjoni preliminari fuq indikata;

4. Rat ukoll l-istess verbal indikat fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu, l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti li permezz tieghu oppona ghall-istess eccezzjoni preliminari, (ara foll 90);

5.0. Rat id-digriet taghha datat il-31 ta’ Jannar, 2017, li permezz tieghu, (ara foll 90):

5.1. Laqghet it-talba tal-abbli intimat Buhagiar li f’din il-procedura l-ewwel tigi deciza din l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata; u

5.2. Wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw din l-eccezzjoni preliminari bil-modalita` u fit-termini hemm indikati u kif sussegwentement estiza, (ara foll 95 u 100);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati Herman u Rose Farrugia, (ara foll 92), flimkien ma dik tal-intimat Joseph Buhagiar, (ara foll 93), u dik tar-rikorrenti Joseph Mamo, (ara foll 97);

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimati Herman u Rose Farrugia, (ara foll 103);

8. Tirrileva li l-abbli rapprezentanti legali tal-intimata Nutar Rachel Farrugia Buhagiar u tal-intimat Joseph Buhagiar irrimettew ruhhom, (ara foll 103);

Ikkunsidrat:

9. Illi in konsegwenza tal-istess din is-sentenza hi ghalhekk wahda ta' natura preliminari skatenata in vista tat-talba tar-rikuza fuq riferita liema talba giet intavolata *ai termini* tal-artiklu 734(1) (d) (i) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

10. Illi f'dan ir-rigward hu ghaqli li ssir referenza espressa ghas-Sub Titolu II tat-titolu II tal-Kap 12 fuq riferit intitolat Fuq ir-Rikuza ta' Mhallfin u Magistrati u fuq is-Surroga;

11. Illi l-artiklu 733 fl-istess sub-titolu jistabbilixxi s-segwenti:

> "L-imhallfin ma jistghux jigu rikuzati u lanqas jistghu jastjenu ruhhom milli joqoghdu f'kawza migjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma mahtura biex joqoghdu, hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet hawn wara msemmija";

12. Illi l-artiklu 734(1) (d) (i) fl-istess sub-titolu jistabbilixxi s-segwenti:

> "jekk ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha;

> "Izda dan ma jghoddx ghal decizjoni, moghtija mill-imhallef, meta ma tkunx qatghet definittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas ghal sentenza li tehles *ab observantia*";

Ikkunsidrat:

13.0. Illi tenut kont tal-fatt li din il-qorti kif preseduta ddecidiet il-procedura indikata mill-eccipjenti odjerni, senjatament il-kawza fl-ismijiet ***Joseph Mamo vs. Nutar Dr Rachelle Farrugia Buhagiar, Rikors Numru 959/2009***, datata t-***28 ta' Jannar, 2016***, jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi ma jirrizultax li meta giet deciza l-kawza indikata fil-paragrafu precedenti (Rikors Numru 959/2009), hi b'xi mod ippronunzjat ruhha dwar xi aspett tal-mertu indirizzat fil-procedura odjerna li llum hi pendenti quddiem din il-qorti;

13.2. Illi li kien deciz fis-sentenza fuq indikata, (Rikors Numru 959/2009), kienet il-kwistjoni ta' danni sofferti mir-rikorrenti f'dik il-procedura in konsegwenza tan-negligenza professjonali tal-intimata fl-istess procedura wara li kien gie sodisfacentement ipprovat skont il-ligi li l-istess nutar hemm intimata kienet iffirmat prokura specifikatament intiza u effettivament uzata f'kuntratt datat il-5 t'Awwissu, 2004, meta kontra dak affermat mill-istess nutar, jirrizulta li l-istess prokura ma kienitx iffirmata mill-persuna li l-istess nutar affermat li iffirma quddiemha;

13.3. Illi ghandu jkun pacifiku ghalhekk li l-mertu tal-kawza riferita fil-paragrafu precedenti, (Rikors Numru 959/2009), fuq riferita, hu ghal kollox differenti mill-mertu tal-procedura odjerna, (Rikors Numru 1083/2016);

13.4. Illi l-lanjanzi sollevati mir-rikorrenti fil-procedura hawn in dizamina jirrigwardaw minflok l-*"actio pauliana"* biex jigi rexiss il-kuntratt datat is-26 ta' Novembru, 2007, liema kuntratt allegatament sar biex l-istess nutar involuta tittrasferixxi minn fuq isimha proprjeta` li fuqha ir-

rikorrenti jista' jinforza s-sentenza *de quo* (Rikors Numru 950/2009), deciza favur tieghu;

13.5. Illi *di piu`*, jigi wkoll rilevat li l-artikolu hawn invokat fil-procedura odjerna hu l-artiklu 1144 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-artikoli li kienu japplikaw fil-kawza precedenti, (Rikors Numru 959/2009), kienu dawk rigwardanti l-*culpa* tal-imsemmija nutar rizultat tan-negligenza hemm riskontrata fl-operat professjonali taghha;

Ikkunsidrat:

14. Illi in vista tas-suespost ma jistghax jinghad li z-zewg kawzi in dizamina huma l-istess;

15. Illi konsegwentement l-eccezzjoni preliminari hekk sollevata mill-intimati fuq indikati, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel, m'ghandiex tigi akkolta;

16.0. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li fis-sentenza ***Joseph Mamo vs. Nutar Rachelle Farrugia Buhagiar, Rikors Numru 959/2009*** prezentement pendenti l-appell din il-qorti kif preseduta:

16.1. Ma ippronunzjatx ruhha dwar fatti relevanti fil-procedura odjerna, (Rikors Numru 1083/2016), fl-ismijiet fuq indikati fl-okkju;

16.2. Illi *di piu`*, l-kawza odjerna hawn in dizamina ma tiddependix fuq dak gia` deciz fil-kawza precedenti fuq indikata;

17. Illi konsegwentement, ir-rekwiziti fuq indikati biex tissussisti talba ghar-rekuza tal-imhallef sedenti kif postulata mill-gia` imsemmija intimati, ma jezistux, u ghalhekk m'hemmx lok li l-imhallef sedenti jastjeni milli jisma' din il-kawza;

**DECIDE:**

18.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li l-intimati involuti ippruvaw l-eccezzjoni preliminari minnhom sollevata, u konsegwentement:

18.1. Tirrespingi l-eccezzjoni preliminari in dizamina;

18.2. Tirriserva l-ispejjez fir-rigward ghall-istadju sussegwenti wara li jigi deciz il-mertu finali tal-procedura odjerna;

18.3. Tappunta l-istess procedura ghas-smigh fuq il-mertu wara li tisma' lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward.

_________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**